MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Numru 465/2009

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' 327480m akkuzat talli;

1. nhar l-14 ta'Marzu 2009, ghall-habta ta' 18:00hrs, minn gewwa garage bla numru fi Triq San Mikiel, Fgura, flimkien ma' persuna jew persuni ohra, ikkommetta serq ta' vettura Ford Transit, bin-numru tar-registrazzjoni HAM128, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruq huwa izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta'Colin Grech u/jew persuna jew persuni ohra;
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkonstanzi u/jew wara din d-data f'dawn il-gzejjer, flimkien ma'persuna jew persuni ohra, ikkommetta serq minn vettura Ford Transit, bin-numru tar-registrazzjoni HAM128, liema liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruq huwa izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta'Colin Grech u/jew persuna jew persuni ohra;
3. u aktar talli nhar it-28 ta' Marzu 2009, ghall-habta ta' 13:45hrs, minn gewwa Triq il-Papa Gwanni  Pawlu 1, Birkirkara, ikkommetta serq ta' vettura Toyota Lite Ace, bin-numru tar-registrazzjoni LCI 409, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' Joseph Mifsud u/jew persuna jew persuni ohra;
4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkonstanzi u/jew wara din d-data f'dawn il-gzejjer, ikkometta serq minn vettura Toyota Lite Ace, bin-numru tar-registrazzjoni LCI 409, liema

serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur, liema valur tal-haga misruqa huwa izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta’ Joseph Mifsud u/jew persuna jew persuni ohra;

5. u aktar talli nhar it-03 ta’ Mejju 2009 gewwa Triq Wied il-Ghasel Mosta, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi ta’ n-nar lil vettura Toyota Lite Ace, bin-numru tar-registrazzjoni LCI 409, liema hsarat jammontaw ghal izjed minn elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1, 164.69), u dan ghad-detriment ta’ Joseph Mifsud u/jew persuna ohra;
6. u aktar talli bejn ix-xhur ta’ Marzu u Mejju 2009, xjentement f’Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dan l-oggetti;
7. u aktar talli nhar l-10 ta’ Mejju 2009 ghall-habta ta’ 16.30hrs, gewwa r-residenza tieghu numru 49 Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixxkilhom waqt li kienujaghmlu id-dmirijiet tagghom, jew b’ xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma hallihomx jaghmlu dak li b’ligi kienu ordnati jew jistghu jaghmlu;
8. u aktar matul dawn l-ahhar xhur, bhala detentur tal-karta’ tal-identita’ numru 327480m, meta ghal xi raguni xi wahda mill-partikolarijiet jew xi taghrif iehor li jinsab fil-karta tal-identita’ tieghu imsemmija ma ghadux aktar korrett, naqas minghajr dewmien tirraporta dan il-fatt lill-ufficjal awtorizzat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkusidrat:

L-akkuzi fost dawk l-aktar serji jippotizzaw zewg serqiet , l-hsara volontarja, r-recetazzjoni, l-ksur ghall-tlett darbiet ta’ ordnijiet ta’ probation. Imbaghad akkuzat ukoll li ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija u li naqas li jirregolarizza nuqqas fil-karta tal-identita’ tieghu.

Mill-atti processwali s-serq jikkoncerna zewg vetturi u precisament:

- vettura b'numru ta' registrazzjoni HAM 128 li kienet giet irrapurtata misruqa fl-14 ta' Marzu 2009 minn gewwa garaxx fit-Triq San Mikiel, l-Fgura, u misjuba abbondonata izda intatta fi Triq Dun Karm Schembri, Mosta, xi granet wara. Gewwa l-intern taghha l-vettura kienet mghobbija bi kwantita' ta'hwejjeg b'valur ta'LM 10,000 li gew nieqsa; u
- vettura b'numru ta' registrazzjoni LCI 409 dwar liema hi esebita l-inkjesta u liema serqa giet irrapurtata fit-28 ta' Mejju 2009 fil-presenza ta' sida li ra tinsteraq meta kien qieghed fil-procint li jiftah il-garaxx biex idahhala fih. Il-vettura kienet instabet mahruqa xi xahrejn wara l-Mosta. Anke din il-vettura kienet mghobbija b'merkanzija b'valur ta' Lm 4000.

Dan is-serq taz-zewg vetturi in kwistjoni sar a detriment ta' certi Mario Grech u Joseph Mifsud li xehdu fil-kors tal-kawza u ikkonfermaw is-serq rispettiv tal-vettura propjeta' taghhom u l-merkanzija li kellhom fihom. Joseph Mifsud stqarr ukoll li l-vettura tieghu kellu jiskrapjha stante li nstabet mahruqa. Rilevanti huwa l-fatt li l-merkanzija kienet tikkonsisti f'bjankerija u indumenti tat-tfal.

Ghalkemm mill-atti ghandu jirrizulta li s-serq tal-vetturi ma sarx mill-imputat 'de proprio', jew ghall-inqas l-provi ma jurux dan, jirrizulta bic-car li huwa xtara l-merkanzija li kienet fil-vettura l-ewwel imsemmija meta kien jaf jew setgha facilment ikun jaf illi l-merkanzija kienet provenjenti minn serq. Dan abbinat ma' prova cirkonstanzjali ohra ma jhallu ebda dubbju dwar ir-reita tal-imputat ghall-akkuza tar-recetazzjoni.

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali li jirrispekkja l-akkuzi dedotti fit-tahrika, l-imputat qieghed akkuzat ukoll li ghamel hsara volontarja. Din tirreferi ghall-hruq tal-vettura LCI 409 wara li nstabet mahruqa. Fuq daqshekk il-provi kemm rigwardanti s-serq u l-eventwali hruq taghha ma jikkonvolgux lill-imputat.

Dwar l-offiza kontravenzjonali din hi assorbita ai termini tal-Artikolu 17(d); Idem ghall-offiza dedotta taht il-Kap 258 imsejjah l-Att dwar il-Karta tal-Identita u Dokumenti ohra tal-Identita. Altrimenti l-offiza tal-ksur ta'ordni ta'Probabtion tinsab provata.

Issibu ghalhekk hati tas-sitt akkuza, anke fuq ammissjoni tieghu stess fi stadju relattivament bikri tal-proceduri, tas-seba akkuza (offiza kontravenjonali) u d-disa akkuza cjoe li hu recediv u tal-ksur ta' tal-probabtion. Tilliberah mill-bqija.

Rat l-Artikolu 334, 338, 17d, 49, 50 tal-Kap 9, l-Artikolu 7, 21, 23 tal-Kap 446.

Ikkunsidrat l-fedina penali tal-imputat li minnha jirruzulta li mis-sena 2007 l-imputat ma kkometta ebda reat gravi.

Ikkunsidrat fuq kollox dak li kellu xi jghid l-ufficjal tal-probation li kien ferm posittiv dwar l-imgieba tal-imputat.

Tiddeciedi ghalhekk li tati opportunita ohra lill-imputat u tqieghdu taht ordni tal-probation bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------